**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa Numru 30

**01 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar L-Erbgħa 01 ta' Lulju 2026 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Malcolm Gatt - Kunsillier
Joeline Attard - Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Mario Gauci - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 30 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **30.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | il-Kunsillier is-Sur Mario Gauci bagħat ittra fejn spjega li ma jistax jattendi għal-laqgħa tallum. |
| **30.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 30.02.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 28 u 29, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill viċi sinkdu is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-kunsilliera s-Sa Joline Attard. |
| **30.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 30.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-sala tal-kunsill ser tibda tkun miftuha millum 19 ta' Mejju 2026 għal-ġbir ta' voti għaliex l-għassa tal-Isla hija magħluqa. Il-Kunsill poġġa din l-informazzjoni fuq il-paġna ta' face book tal-kunsill tal-Isla. |
| 27.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera li nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju 2026 is-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv ser ikunu qed jiffermaw l-kuntratt tal-iskema kulturali fejn il-kunsill tal-Isla applika li jittnadfu parti mix-xelters u issir attivita għar-residenti sabiex jaraw dawn ix-xelters. |
| 27.03.03 | Is-sindku informa lil kunsilliera li intbgħatu il-minuti tal-laqgħa tar-Reġjun Port permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha. |
| 27.03.04 | Is-sindku qara l-korrispondenza tal-Partit Laburista li ser issir konferenza fuq il-Belveder tal-Forti San Mikiel fl-20 ta' Mejju 2026 u li ser jibdew jarmaw mit-8:00am il-quddiem. |
| 27.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-arċipriet bagħat imejl dwar il-permessi tal-puluzija għal-purċisjoni tal-Qalb ta' Ġesu u ta' Korpus. |
| 27.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li d-data ta' Bonġu Malta inbidlet u ser issir fis-7 ta' Ġunju 2026. Il-Ħadd 24 ta' Mejju 2026 is-sindku is-Sur Clive Pulis huwa mistieden f' Bonġu Malta li ser issir Ħal-Lija għaliex imbgħad ikun imiss il-Programm tas-7 ta' Ġunju 2026 li ser issir fil-lokalita' tal-Isla li ser issir fix-xatt. Jekk ikun hemm resident li jixtieqU jieħdu sehem jikkuntatjaw il-kunsill sabiex ngħaddu id-dettalji tagħhom lilt al-programm. |
| 27.03.07 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill ser japplika għal dawn iż-żewg skemi:<br><br>SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 li ser talgħaq 29 ta' Mejju 2026.<br><br>SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026<br><br>Dawn l-iskemi ġew approvati fis-seduta nru 25.2026 |
| 27.03.08 | Is-Sindku informa li l-kunsilliera li l-attivita tal-Ħġejjeġ ser issir fis-27 ta' Ġunju 2026. Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħat dwar din l-attivita u l-kunsill irċieva ir-Risk Assesment għall |

| | |
|---|---|
| | din l-attivita. |
| 27.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li fil-15 ta' Mejju 2026 iltaqgħet mas-Sa Aleksandra Teova – *Head of the Development Department u mas-*Sur Robert Jankovski – *Deputy Head of the Development Department* fejn id-diskutejna sabiex jekk ikun hemm opportunitajiet li napplikaw bħala partners minn fondi tal-EU nibqgħu inżommu kuntatt. |
| 27.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżentili attendiet għal-konferenza tal-ALDA bħala parti mill-Assemblea Ġenerali tal-ALDA li saret mit-12 sal-14 ta' Mejju 2026. |
| 27.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera preżenti li fil-11 ta' Mejju 2026, fis-sala tal-Forti San Mikiel fi ħdan il-Kunsill Lokali, iltaqa' grupp minn Horizons sabiex jattendi kors ta' taħriġ relatat ma' attivitajiet mhux formali u għodod diġitali fl-edukazzjoni. Għall-kors attendew għalliema mir-Rumanija, il-Polonja, il-Ġermanja u l-Kroazja, li ħadu sehem f'workshops prattiċi dwar metodi u għodod innovattivi li jistgħu jiġu applikati fil-klassi. Matul is-sessjonijiet saru attivitajiet ta' kollaborazzjoni, skambju ta' ideat, esperimentazzjoni u tagħlim prattiku, bil-għan li tissaħħaħ l-interattività, il-kreattività u l-impenn fit-tagħlim. L-attività saret fil-qafas ta' inizjattivi ta' skambju kulturali u żvilupp professjonali għall-edukaturi. |
| **27.5** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 27.05.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Joeline Attard nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk hux qed jitnaddfu il-letrini tax-xatt.<br><br>Is-Sindku wieġeb li min dan ix-xahar il-letrini tax-xatt u tal-ponta qed jieħu ħsiebhom John Zammit. |
| 27.05.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistax issir firol fil-bieb tan-nisa fil-letrina tal-Gardjola.<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser jieħu ħsieb li issir. |
| **27.6** | **Rapporti** |
| 27.6.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-*Purchase Order* ta' April 2026 fejn ġie approvat mill-Kunsillier is-Sur Mario Gauci u s-sekondati mill-Viċi Sindku is-Su Anthony Bonavia. |
| **27.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 27.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 5/2026 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci u s-sekondati mill- |

| | |
|---|---|
| | kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| **27.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 27.08.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa 01 ta'Lulju 2026 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 01 ta' Lulju 2026

IFFIRMATA__________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA______
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv